# IŻ-ŻJARA TAL-PAPA FOSTNA IL-MALTIN

Jikteb Frans Zahra

Fid-9 ta' Mejju ta' din is-sena kienet okkażżjoni kbira għall-gżejjer tagħna: il-Papa Ġwanni Pawlu II, f'pajjiżna, ibbeatifika tlett Maltin: Dun Ġorġ Preca, il-kjeriku Nazju Falzon u s-soru klawstrali Adeodata Pisani.

Iż-Żejtun għandna "rabta" ma' Dun Ġorġ u Nazju Falzon. Ma' Dun Ġorġ mhux biss għax għandna żewġ oqsma tal-Museum tas-Subien, fi Triq il-kostituzzjoni u tal-bniet fi Triq Santa Katarina, iżda għaliex tas-Subien hu msemmi għal Dun Ġorġ.

Rigward ir-rabta ta' Nazju Falzon, għaliex għandna "Youth Centre" li hemm fi Sqaq Bonitu fi Triq il-kbira, msemmi għalih. Oriġinarjament il-youth centre kien l-azzjoni kattolika tal-ġuvintur. L-ewwel ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika kien fi Triq il-Ħelsien - qabel Triq Brittanika - fir-residenza Nru. 29, illum nifhmu li n-numru ġie mibdul, residenza privata u joqgħodu fiha jgħidulhom "ta' sapjenz" Hemm kienu jiltaqgħu l-membri tal-A.K. xebbiet u ġuvintur, għalkemm fi ġranet differenti: xebbiet u ġuvintur għalihom. Dun Ġwann Palmier kien l-ewwel direttur. L-ideja li ċ-ċirkolu jissemma għal Nazju Falzon, dak iż-żmien "Venerabbli" kienet ta' Dun Pantaleone Orland, meta kien għadu Saċerdot (ordna fil-5/8/45) fil-parroċċa tagħna, qablel ma kien sar kappillan (l-ewwel ta' Ħal Kirkop Lulju 1952 u wara ta' M'Xlokk f'Lulju 1953). Minn informazzjoni li kont qed niġbor intqalli li Dr. Cachia Zammit kien wieħed minn dawk iż-żgħażagħ li kienu jattendu l-A.K. f'dan iż-żmien li qed insemmi.



Dun Salv Galea "tal-Pizatur" / " ta' Galea" ordna saċerdot f'Awissu 1952 flimkien ma' Dun Salv Mifsud u Dun Alwig Zammit. Kif qaddes, l-Arċisqof Gonzi, bagħat għalih u wrieh ix-xewqa li jibda jieħu ħsieb iċ-ċirkolu ta' l-A.K., li kien għamel żmien wieqaf, biex jerġa' jibda jiffunzjona. Kien Settembru 1952 meta fil-knisja ta' Sant'Anġ, iltaqgħu għaxar żgħażagħ ta' bejn 12 u 14-il sena. Kienu żerriegħa li tħawlet, xetlet, kibret u saret siġra li tat il-frott. Mill-Knisja ta' Sant' Anġ, Dun Salvu u dawk l-għaxart "itfal" marru fejn kienet l-iskola ta' Sant' Anġ - illum dar privata - 16, Triq Sant' Anġ. Għaddew xi żmien ukoll fi Triq id-Duluri f'Nru. 25, lokal li maż-żmien ukoll intuża skola, dolċerija "tal-Ġenwiża" u llum il-ġurnata, sa llum, store f'idejn il-MaltaPost. In-numri 16 u 25 jista' hu l-każ li attwalment mibdulin ukoll minħabba xi tibdil li sar tan-numri tar-residenzi.

Wara sentejn, fl-1954, Wistina Baldacchino, iz-zija ta' Dun Salv, offriet ir-residenza tagħha biex it-tfal li neputiha kien ġabar u li baqgħu jiżdiedu, ikollhom post permanenti fejn jiltaqgħu. Il-post fi Sqaq Bonitu. Ma tridx taraħ illum; irranġat u modernizzat modestament, mal-mixja tas-snin, biex naturalment jilqa' l-ħtiġijiet ta' min jaf kemm il-tfal żgħażagħ attendew iċ-Ċirkolu ta' l-A.K./Youth Centre. Immaġinah qabel: bitħa żgħira - illum intrata kif tiflaħ il-bieb ta' barra, b'niċċa żgħira bi statwa tal-Madonna ta' Lourdes (illum tinsab fil-ġnien) u taraġ minn barra li jagħti għal kamra ta' fuq (għorfa) li fiha kienu jinġabru t-tfal u jinqdew għat-tagħlim għall-bidu meta daħlu fil-post li kienet għadha toqgħod fih Wistina, bl-istalla għaż-żiemel, fuq ġewwa, inkluż żewġt ikmamar għall-abitazzjoni bl-għalqa b'xi siġar (illum bitħa/ground u ġnien imdaqqsin u playing field żgħira). Il-post għadda f'idejn Dun Salv meta mietet zijtu. Dun Salv żamm iċ-ċirkolu, u hekk għadu llum il-Youth Centre, taħt il-ħarsien ta' Nazju Falzon.

Dun Ġwann Palmier, aktar tard kien imbagħad nominat kanonku tal-kolleġjata ta' San Pawl Nawfraġu tal-Belt Valletta, kien żamm is-Sezzjoni tat-tfajliet. Jidhirli taħt l-isem ta' "Santa Ġemma Cagliani" (?)

L-attivita' ewlenija hi t-tagħlim tal-katekiżmu li kien u għadu jsir, għalkemm l-attendenza tat-tfal u l-kbar naqset sew. Mhux possibli nidħlu fid-dettal ta' l-attivitajiet li kienu jsiru - xi wħud għadhom isiru fiċ-Ċirkolu/Youth Centre. Almenu nsemmgħuhom: Ġara Katekistika fil-Knisja Parrokkjali li kienet titkompla b'festin fiċ-Ċirkolu, korsijiet ta' eżerċizzi għall-kbar u għat-tfal fir-Randan fiċ-Ċirkolu, party wara l-quddiesa ta' nofs il-lejl tal-Milied għall-membri, ħarġiet ta' passiġġati li kienu jispiċċaw bi żjara lis-Sagrament u Ruzarju f'xi knisja, baħar fis-Sajf, festin f'Jannar f'ġieħ San Ġwann Bosco, il-qaddis edukatur tat-tfal u ż-żgħażagħ li lejh Dun Salv għandu ammirazzjoni u bena ċ-Ċirkolu u kompla l-Youth Centre fuq it-tagħlim

u l-linji tiegħu, ġimgħat ta' camping, sports, rallies, wiri ta' films l-aktar Lorry and Hardy u Charlie Chaplin, irtiri fis-sajf u ieħor speċifikament għall-membri taċ-Ċirkolu f'Jannar. Fis-Sajf il-membri kienu jagħżlu wieħed mill-erba' korsijiet li l-A.K. kienet torganizza għaż-żgħażagħ ta' Malta kollha, u Dun Salv kien inkarigat minnhom, u ċ-ċirkolu kien għadu amalgamat mal-A.K., u study days b'suġġetti relatati maż-żgħażagħ. Il-palk kellu sehem importanti fil-ħajja taċ-Ċirkolu/Youth Centre. Fl-imgħoddi kien hemm ukoll żewġ kumpaniji teatrali "Jesters" u "Little Stars" b'jazz band żgħira ukoll. Laqgħat għall-ommijiet u ħarġiet għalihom ma naqsux. Il-festin f'ġieħ il-protettur taċ-Ċirkolu/Youth Centre (sar "Youth Centre" meta ċ-ċirkolu nfattam mill-A.K.) beda jsir mis-sena 1975. Insibu wkoll l-ikliet tal-Milied u ta' l-Għid inkluż it-tberik u f'dawn l-aħħar snin ħarġa ta' l-Għid u irtir fi tmiem il-ġimgħa f'Ottubru jew Novembru, flimkien ma xi attivita' għall-ġbir ta' fondi. Guest speakers ikunu mistiedna ukoll. Kien sar żmien meta fil-Youth Centre kienu jiltaqgħu f'xi ġranet tal-ġimgħa xi anzjani, ħandikappati u dawk li jgħixu waħidhom biex jgħaddu ftit ħin flimkien b'quddiesa, rikreazzjoni u refreshments. Dawn kienu jsiru flimkien mal-Leġjun ta' Marija u l-Għaqda Ħidma Komunitarja. Fil-Youth Centre, fil-jum tal-Ħamis kienu jiltaqgħu t-tfajliet. Il-grupp kien jissejjaħ "Thursday Group". Dun Salv kien beda jinnota li ċertu tfajliet kienu neqsin mit-tagħlim ta' formazzjoni għall-ħajja. Infakkar ukoll li t-taqsima tfajliet ta' l-A.K. ma kienetx baqgħet tiffunzjona. F'Settembru 1966, saret l-ewwel laqgħa għat-tfajliet wara li fi Frar ta' l-istess sena kien organizzat irtir għat-tfajliet Żwieten għand is-sorijiet Ulied il-qalb ta' Ġesu n-Nigret. Attendew 22 tfajla. In-numru ta' tfajliet għall-laqgħat kompla jiżdied. Ġieli laħqu 80. Kienu jiltaqgħu, grazzi għas-Sorijiet, Ulied il-Qalb ta' Ġesu "ta' l-Ispirtu s-Santu" fil-post tagħhom, kull ħmistax. Fit-18 ta' Diċembru 1969 nħass il-bzonn ta' lokal addattat. Ic-Ċirkolu Nazju Falzon offra l-lokal. Il-ġurnata tal-Ħamis kienet għat-tfajliet biss. Maż-żmien, il-Ħamis ukoll, il-Youth Centre fetaħ il-bieb għat-tfal bniet, iżda f'ħinijiet qabel dawk tat-tfajliet. Kemm għat-tfal bniet u t-tfajliet barra attivitajiet ta' tagħlim u taħdidiet li jiswielhom għall-ħajja, u kienu jagħmlu użu mill-faċilitajiet rikreattiv li fih il-lokal, table tennis, billiard, volleyball u netball fil-bitħa, kien ikollhom ukoll ħarġiet rikrejattivi. Illum bejn kif għidt, l-attendenzi tat-tfal u ż-żgħażagħ bniet u subien, xebbiet u ġuvintur naqsu u bejn li d-diversi attivitajiet spiċċaw, il-membru (tfajliet u ġuvintur) li għadhom jattendu amalgamaw fil-laqgħat u fl-attivitajiet.

## DUN ĠORĠ APPOSTLU TAD-DUTTRINA NISRANIJA

**Jikteb Paul Zammit**



F Dun Ġorġ Preca twieled il-Belt Valletta, nhar it-12 ta' Frar 1880, minn Vincenzo u Natalina Ceravolo. Tgħammed nhar is-17 ta' Frar fil-knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo. Fl-1886 il-familja Preca marret toqgħod Birkirkara u ftit snin wara marret toqgħod il-Ħamrun. Fil-knisja ta' San Gejtanu irċieva l-Griżma tal-Isqof u għamel l-Ewwel tqarbina. Kien ukoll Abbati u kien ilaqqa lit-tfal wara l-barka ta' u joqgħod jgħallimhom katekeżi. Wara l-iskola primarja u mbagħad għadda għal-Liceo u 1898 għal-seminarju. Huwa ġie Ordnat saċerdot nhar it-22 ta' Diċembru 1906 u nhar is-7 ta' Marzu 1907 waqqaf soċjeta tad-Duttrina Nisranija magħrufa bħala tal-MUSEUM. L-isem tas-Soċjeta' iġib l-ewwel ittri tal-Magister Utinam Sequatur Evangelium Universus Mundurs li tfisser: Mgħallem mhux li kien id-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju u l-MUSEUM beda jikber fil-gżejjer tagħna. Fl-1920 beda l-qasam tan-nisa fiż-Żejtun. L-ewwel beda bis-superjura Pawlina Gerada. Meta inqasam tas-subien kien għadu ma bediex fiż-Żejtun. Xi subien kienu marru fil-qasam tal-MUSEUM ta' Ħal Tarxien fost dawk kien imur Dun Salvu Grima li kien sar saċerdot u fundatur tal-Qaddejja taċ-Ċenaklu u tad-Dar tal-Kleru. Fl-1932 beda ukoll il-qasam tas-subien. L-ewwel konferenza kien għamilha s-superjur Ġenerali Eugenio Borg illum Qaddej ta' Alla u s-Superjuri Duminku Galea. Dun Ġorġ ġieli kien jiġi ż-Żejtun biex jagħmel il-laqgħat kemm fil-knisja parrokjali, fid-domus u fl-oqsma tat-tgħalim fiż-Żejtun. Fost il-frott li ħalla l-MUSEUM tas-subien kien hemm bosta saċerdoti. Dun Ġorġ ħalla messaġġ liż-Żwieten li għadu jgħodd sa llum. Dak li kien qal lis-Sur Ġamri Bonnici. Dun Ġorġ ħeġġeġ lilu, u lin-nies, biex ikunu devoti tassew lejn Santa Katarina. Dan qiegħed miktub fil-ktieb Dun Ġorġ Preca Ħajja - Xiehda - Dokumenti - f'VOL III f'paġna 66. Dun Ġorġ miet fis-26 ta' Lulju 1962 u din is-sena saret il-Beatifikazzjoni tiegħu mill-Papa Ġwanni Pawlu II. L-arġentier Tarciso Cassar Żejtuni ħadem relikwarju tiegħu li tbierket mill-Papa, dak inhar tal-Beatifikazzjoni u rigal li ingħata lill-papa mis-Soċjeta ta' MUSEUM l-inkwadru tal-Madonna ta' Verbum Dei Cara Factum. Dun Ġorġ huwa r-rigal lilna biex nissaħħu aktar fil-fidi.